*-stħarriġ t'egħmil amministrattiv*
*-sejħa interna għal kariga fis-servizz pubbliku*
*-eliġibilita` għal karika wara l-eta`` tal-irtirar*

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 854/2017 GM**

**Dr John Mifsud**

**Vs**

**Segreta`rju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa**

**Seduta tas-16 t'April, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2017 fejn ir-rikorrenti wara li espona:-

Illi fit-18 t'Awissu 2016 id-Direttorat tar-*Resourcing and Employment Relations* fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa ħareg sejħa għal post vakanti ta' *postgraduate training coordinator within the Ministry for Health*. L-esponent kien ilu jokkupa din il-pożizzjoni għal għadd ta' snin.

Illi fost ir-rekwiziti li kien hemm sabiex wieħed ikun eliġibbli, kien hemm ir-rekwiżit illi sad-data u l-waqt ta' l-għeluq tal-applikazzjonijiet, l-applikant kellu jkun fil-grad ta' konsulent, aġent konsulent jew speċjalista residenti fis-servizz pubbliku. Din kienet kwalita` li l-esponent kien jisodisfa, peress li kien ilu għadd ta' snin bħala konsulent.

Illi sussegwentement l-esponent kien applika għal din il-pożizjoni. Fil-frattemp, fid-29 t'Awissu 2016 ħarget sejħa oħra li kienet għall-istess pożizzjoni, ` li kienet qed tinħareg minflok is-sejħa li kienet għadha kemm ħarġet fit-18 t'Awissu 2016, b'dana iżda illi min kien diġa` laħaq applika taħt l-ewwel sejħa, ma kellux għalfejn jerġa' japplika.

Illi sussegwentement, fit-22 ta' Marzu, 2017, l-esponent kien irċeva r-riżultat ta' l-għażla mnejn kien jirriżulta illi l-esponent fil-fatt kien ġie l-ewwel.

Illi pero` permezz ta' ittra datata s-17 t'April 2017 mibgħuta min Maureen Mahoney bħala Direttur, din għarrfet lill-esponent illi minħabba li kien irtira bl-r ` fl-20 ta' Ottubru 2016, u peress li ma kienx qed jagħti servizzi bħala uffiċjal pubbliku wara l-irtirat tiegħu, dan ix-xogħol ma setax jingħata lilu, u dan minkejja li kif fuq ingħad, kien ġie l-ewwel.

Illi l-esponent jissottometti illi fil-mument li applika għal din il-pożizzjoni huwa kien eliġibbli għaliha peress illi kien għadu fis-servizz pubbliku, u għalhekk kien jissodisfa r-rekwiziti kollha tal-applikazzjoni, u għalhekk id-deċizjoni dwar

l-eskluzjoni tiegħu hija waħda għal kollox irregolari u meħuda b'żabbuż ta' poter, apparti li hija bla ebda bażi kemm fatwalment u kif wkoll legalment.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-egħmil fuq imsemmi ta' l-intimat sar b'abbuż u b'irregolaritajiet li jmorru kjarament kontra l-liġi u li għalhekk jikkostitwixxu ksur ta' l-Artikolu 469A (1)(a) in kwantu ma ġiex rispettat l-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u li tali għemil huwa *ultra vires* ai termini ta' l-Artikolu 469A(1)(b)(i)(ii), (iii) u (iv) u dan għaliex dan l-egħmil twettaq minn awtorita` pubblika li ma kinitx awtorizzata sabiex twettqu, u/jew l-istess konvenuti jew min minnhom naqsu milli josservaw il-principji tal-ġustizza naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettieq tal-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita` pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa u isejjes fuq konsiderazzjoni mhux rilevanti, in kwantu, r-rifjut mill-awtoritajiet li jagħżlu lilu għall-post imsemmi sar għal konsiderazzjonijiet li mhumiex validi fil-liġi, u/jew l-egħmil amministrattiv mar mod ieħor kontra l-liġi.
2. Jekk *occorrendo* jkun il-każ, tordna fi żmien qasir u perentorju lill-istess intimat sabiex jirrevedi u/jew jirrevoka d-deċiżjoni meħuda u jara li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-esponent jingħata l-post ta' *postgraduate training coordinator within the Ministry for Health*.
3. Tagħti lill-intimat dawk id-direttivi u ordnijiet oħra li jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa fejn eċċepixxa:

Illi preliminarjament is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa ma hux leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi dan l-intimat ma hux l-uffiċjal illi ħareġ l-Espressjoni ta' Interess li kienet maħruġa mill-Uffiċjal Mediku Ewlieni.

Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-alegazzjoni ta' aabbuż ta' poter u ta' ksur tal-Kostituzzjoni qed jiġu miċħuda stante illi d-deċiżjoni mertu ta' din il-pendenza saret minn Awtorita` kompetenti b'responsabbilita` stante illi r-rikorrenti għalkemm kien eliġibbli meta applika, bl-irtirar tiegħu mis-servizz pubbliku irrenda lilu nnifsu f'impossibilita` illi jagħmel dak mistenni *ai termini* tas-sejħa.

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għal premess u fi kwalunkwe każ proċess ta' għażla bħalma hu dan mertu ta' din il-pendenza jinbeda mal-pubblikazzjoni ta' l-Espressjoni ta' Interess u jingħalaq mal-ħatra tal-persuna magħżula. Fil-kaz in eżami l-*interview* sar fl-20 t'Ottubru 2016 u ir-rikorrent irtira minħabba l-eta` fl-istess ġurnata ċjoe` fl-20 t'ottubru 2016 ċjoe` meta i-proċess ta' l-għażla kien għadu miftuħ u għalhekk l-intimat kien għadu fl-istadju illi jevalwa il-kwalifiċi tal-applikanti mal-ħtiġijiet tas-servizz kif indikati fis-sejħa.

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess *di piu`* ir-rekwizit illi applikant ried jkun konsulent, aġent konsulent, jew speċjalist residenti ma-ddata tal-għeluq tas-sejħa sar bl-intenzjoni illi min jintgħazel kellu jkun fi grad illi jwettaq ix-xogħol mistenni kif deskritt f-istess sejħa. Ġaladarba l-applikant irtira minħabba l-eta` dak inhar stess illi sar l-*interview* ma setgħax jespleta l-inkarigu minnu mistenni. Kien għalhekk illi ġie notifikat bl-ittra tas-17 ta' April 2017.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

**Il-fatti:**

Illi l-fatti rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima bejn il-partijiet kontendenti huma dawn:

1. L-attur kellu l-grad ta' konsulent psikjatra fultajm fis-servizz pubbliku.

2. Fit-18.08.2016 id-Direttorat tar-*Resourcing and Employee Relations* fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa ħareġ sejħa għal post vakanti ta' *postgraduate training coordinator within the Ministry for Health*.

3. Fl-24.08.2016 l-istess Direttorat ħareġ ċirkolari oħra li tibda biex tgħid hekk:

**"This Expression of Interest supersedes the call published on the Internet on the 18th August 2016... However, those who have already applied in terms of the said call need not re-apply.**

**"Expression of Interest from amongst Public Officers in the Medical Class to be assigned duties as Post-Graduate Training Coordinators within the Ministry for Health.**

"1. .... the Office of the Chief Medical Officer within the Ministry for Health is seeking to identify suitable Public Officers to perform duties as cited above, for a period of three (3) years subject to satisfactory performance".

Illi l-parti murija b'tipa qawwija hija *template* imposta mill-uffiċċju tal-Prim Ministru u li d-Direttorat ikkonċernat kien obbligat isegwi. It-*template* kienet inbidlet mill-ewwel sejħa, li ma kienx fiha riferenza għal "Public Officers". Maureen Mahoney, Director Resourcing and Employee Relations, spjegat li reġgħet inħarġet is-sejħa fuq talba tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern billi dan ried iżid

l-*ispecialities* applikabbli[1]. Qalet ukoll li "t-tieni sejħa *supersedes* l-ewwel sejħa, u l-uffiċjali tkun dik it-tieni waħda". [2] Kemm l-ewwel sejħa kif ukoll it-tieni waħda kienu jirrikjedu li min japplika jkun uffiċjal fis-servizz pubbliku u kienu sejħiet interni li bħala tali ġew ikkomunikati biss lill-uffiċjali pubbliċi[3].

4. Applikaw għall-post l-attur u ċertu Dr. David Mamo. Dehru quddiem Selection Board fl-20.10.2016 dakinhar li l-attur laħaq l-eta` tal-irtirar.

5. L-attur meta rtira beda jaħdem partajm fl-istess Dipartiment fejn kien jaħdem qabel.

6. L-attur ġieb 79 marka u Dr. Mamo ġieb 78 marka.

7. B'ittra tas-17 t'April 2017 l-attur ġie nfurmat hekk "Please note that since you have retired with effect from 20 October 2016 and you are carrying out duties not as a public officer beyond retirement but on contract for service, the assignment of Training Coordinator (Psychiatry) cannot thus be assigned to you".

6. Id-Direttur Mahoney xehdet li miż-żewġ sejħiet għall-applikazzjoni ma jirriżultax li min kien sejjer jiġi appuntat kellu jkun uffiċjal pubbliku, iżda "hija l-proċedura illi s-servizz ċivili ma jappuntax nies li huma *beyond ir-retirement age unless* ikun hemm skema speċifika; għandna skemi speċifiki fin-*nurses* per eżempju minħabba n-nuqqas". Xehdet ukoll illi wara l-eta` tal-irtirar, l-attur kompla jaħdem fuq "*contract for service, which is not recruitement".* Jiġifieri hu ma huwiex uffiċjal pubbliku. Aħna konna qegħdin nixtru, nixtru u nħallsu s-servizzi tiegħu... Allura hu f'dak il-każ ma hux meqjus bħala uffiċjal pubbliku kif kienet titlob is-sejħa"[4];

---

[1] Fol 90
[2] Fol 54
[3] fol 92
[4] fol 51, 52

**leġittimu kontradittur**

Illi bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut isostni li mhux il-leġittimu kontradittur billi l-espressjoni ta' interess inħarġet mill-Uffiċjal Mediku Ewlieni u mhux minnu. Dan tal-aħħar iżda m'huwiex għajr kap ta' fergħa amministrattiva tal-Ministeru għas-Saħħa. Skont l-Art. 181B(1) fl-atti ġudizzjarji, l-Gvern jiġi rappreżentat mill-kap tad-Dipartiment li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni – li mhu ħadd għajr il-konvenut. Il-konvenut jafu sewwa dan, tant li m'għamel l-ebda aċċenn għal din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Ikun aħjar kieku l-Gvern ma jagħmilx eċċezzjonijiet bħal dawn biex jagħti eżempju li l-uffiċjali tiegħu jerfgħu ir-responsabilitajiet tagħhom u biex ma jaħlix il-ħin prezzjuz ta' din il-Qorti;

**att ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni nterna**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut isostni li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tistħarreġ l-egħmil in kwistjoni billi sar bil-għan ta' amministrazzjoni jew organizzazzjoni nterna u allura, skont l-Art. 469A(2) huwa speċifikament eskluż mid-definizzjoni ta' "egħmil amministrattiv". Din mhix sempliċi sottomissjoni, imma vera u proprja eċċezzjoni li kellha ssir fir-Risposta Ġuramentata fil-bidu tal-kawża u mhux fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva lejn l-aħħar tagħha. Apparti li dan huwa ksur lampanti tal-liġi tal-proċedura, huwa wkoll att ta' żlealta` lejn l-attur u lejn din il-Qorti u għalhekk din il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni tagħha. Dan apparti li din l-eċċezzjoni hija manifestament infondata. Il-kawża ċċitata mill-konvenut – **Louis Buhagiar v Prim Ministru** (24.02.2002) kienet tirrigwarda 'post' li kellu biss rimunerazzjoni nominali. Għall-kuntrarju, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza

Franċiża[5] u anke dik Maltija li segwietha, il-kunċett ta' att li jkun sar bil-għan ta' amministrazzjoni jew organizzazzjoni nterna, mislut mil-liġi amministrattiva Franċiża, ma jneħħix il-kompetenza tal-Qorti meta jaffettwa d-drittijiet tal-impjegati tal-Gvern;

**Jekk l-att kienx *ultra vires***

Illi l-attur jissottometti li ġaladarba huwa ssodisfa l-kriterji kollha tal-eliġibilita` għall-kariga in kwistjoni, skont kif elenkati fiċ-ċirkolari nterni in kwistjoni, allura l-intimat mar *ultra vires* meta` ma ħatrux minħabba kriterju barrani għal kollox minn dawn il-kriterji, u ċjoe` l-fatt li hu **ma baqgħax** iktar uffiċċjal pubbliku wara li nħarġu ċ-ċirkolari msemmija. Din il-Qorti iżda ma ssib l-ebda aġir *ultra vires,* u dan għal żewġ raġunijiet: (1) Hija ħaġa loġika u tas-sens komun li l-fatt li s-sejħa kienet ristretta għal uffiċjali pubbliċi ifisser mhux biss li **min japplika** jrid ikun uffiċjal pubbliku, imma wkoll li **min jinħatar** ikun uffiċjal pubbliku. Li targumenta bil-kontra ma jkun xejn għajr eżerċizzju ta' sofiżmu legali (2) L-uffiċjali pubbliċi huma marbutin bil-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-Gvern, fosthom li l-impjieg tagħhom jintemm mal-eta` tal-irtirar stipulata fil-kundizzjonijiet tas-servizz tagħhom. Is-sejħiet in kwistjoni, bħal kull sejħa oħra interna li ssir fis-servizz pubbliku għal karigi partikolari, għandhom jitqiesu li jkunu nħarġu soġġetti għall-kundizzjonijiet ġenerali tal-impjieg mal-Gvern li dawk il-karigi jiffurmaw parti minnu. Ma jistgħu jitqiesu bl-ebda tip ta' interpretazzjoni bħala li jawtorizzaw xi estensjoni tal-eta` tal-irtirar;

Illi għalhekk ma jirriżulta l-ebda wieħed mill-kapi ta' allegat ksur tad-dritt amministrattiv li jinstabu fil-premessi tar-Rikors Ġuramentat tal-attur;

[55] ara per eżempju Camille Broyelle, *Contentieux Administratif 6 edition 2018-2019 para 96 paġna 82*: "Les agents publics... ne sont pas autorises a` contester les mesures d'organisation du service, a` moins qu'elles n'affectent significativement leur situation statutaire ou encore leurs conditions de travail" - u jiċċita ġurisprudenza estensiva.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħdha tiċħad l-ewwel eċċezzjoni, u tiċħad it-talbiet tal-attur. Spejjeż erba' kwinti (4/5) għall-attur, u kwint (1/5) għall-konvenut.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA